MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Diċembru, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 83/2023 LM

**Josephine sive Joyce Darmanin (K.I. nru. 0309148M), Dorothy Fava (K.I. nru. 204951M), Carmen Camilleri (K.I. nru. 588752M), Maria Elena sive Marlene Agius (K.I. nru. 399655M), u Catherine Said (K.I. nru. 249663M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Frar, 2023 mir-rikorrenti **Josephine sive Joyce Darmanin (K.I. nru. 0309148M), Dorothy Fava (K.I. nru. 204951M), Carmen Camilleri (K.I. nru. 588752M), Maria Elena sive Marlene Agius (K.I. nru. 399655M)** u **Catherine Said (K.I. nru. 249663M),** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], fejn issottomettew dan li ġej:

*"Jesponu umilment:*

1. *Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' sehem indiviż ta' tlettax minn erbatax (13/14) tal-fond numru 5 bl-isem 'Rosette', Flat 3, Triq San Pietru, Fgura, u*

*dan kif assodat u ddikjarat b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera mogħti fl-1 ta' Frar, 2023 fl-ismijiet* Josephine sive Joyce Darmanin et vs Francis Xavier Fava *(Rik. Nru. 491/2021 LC);*

2. *Illi kif ukoll assodat fl-istess sentenza, il-fond inxtara fiż-żwieġ minn missierhom Paul Darmanin permezz ta' kuntratt in atti Nutar Joseph Gatt datat l-24 t'Awwissu, 1972; Paul Darmanin miet fl-14 ta' Novembru, 1992 u ntiret mir-rikorrenti flimkien ma' ħuhom Antonio sive Austin Darmanin (li mhuwiex qiegħed jipparteċipa f'dawn il-proċeduri), filwaqt illi ommhom Antonia Darmanin ġiet nieqsa fit-28 ta' Novembru, 2016 u ntirtet mill-esponenti waħedhom, kif ukoll minn Rita Aquilina li mhux parti minn din il-kawża; Austin Darmanin mhuwiex il-werriet tal-omm;*

3. *Illi l-fond inkera ftit wara li nxtara bl-istess kirja protetta li għadha in vigore sallum favur Francis Xavier u Mary konjugi Fava; il-kera applikabbli kienet ta' wieħed u erbgħin Euro (€41) kull sitt xhur; għoliet bl-emendi tal-2009 għall-kera minima stabbilita skont l-art. 1531Ċ tal-Kap. 16 u ġiet riċentement riveduta permezz tas-sentenza ċitata għal erbat elef u mitejn Euro (€4,200) fis-sena;*

4. *Illi sas-sena 2021 il-liġi kienet tipprojbixxi lir-rikorrenti u lill-ġenituri tagħhom milli jiffissaw kera ġusta għall-proprjetà tagħhom u għaldaqstant jirriżulta ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif trasposta permezz tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta; ir-rikorrenti għaldaqstant aġixxew quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jiġu kkumpensati għall-perijodu ta' bejn l-1987 u l-2021 li matulu tali rimedju ma kienx disponibbli;*

***Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti:***

i. *Tiddikjara li l-applikazzjoni tal-liġijiet speċjali tal-kera in konnessjoni mal-kirja tal-fond numru 5 bl-isem 'Rosette', Flat 3, Triq San Pietru, Fgura, inkluż l-applikazzjoni tal-artikoli 3 sa 9 tal-Kap. 69 u sussegwentement tal-artikoli 1531B, 1531Ċ, 1531F u 1531G tal-Kap. 16, taw lok għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ġenituri tar-rikorrenti, li tagħhom huma eredi r-rikorrenti, u tal-istess rikorrenti ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; u*

ii. *Tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji u l-imgħaxijiet kumpensattivi dovuti lir-rikorrenti in vista ta' tali ksur, u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta sabiex iħallas tali kumpens lir-rikorrenti sija fil-vesti personali tagħhom u sija fil-vesti tagħhom ta' eredi tal-ġenituri tagħhom.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata u b'kull rimedju ieħor li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti."*

2. Rat ir-risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'] ippreżentata fit-30 ta' Marzu, 2023, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova tal-interess tagħhom anke sabiex jiġi żgurat li jgawdu minn* victim status *biex jippromwovu din il-kawża;*
2. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, tenut kont ir-raba' premessa, li fiha r-rikorrenti jistqarru li l-perijodu rilevanti għalihom huwa bejn l-1987 u l-2021, ir-rikorrenti naqsu milli jużufruwixxu mir-rimedji ordinarji li tagħti l-Liġi qabel id-dħul tal-emendi tas-sena 2021, u għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ din il-kawża ulterjorment, u dan ai termini tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti għandhom jindikaw b'mod speċifiku liema huma l-Liġijiet li jridu jiġu eżaminati – il-kelma 'inkluż' ifisser li hemm disposti u/jew liġijiet oħra f'moħħ ir-rikorrenti, u l-esponenti m'għandux jobsor dawn x'jistgħu jkunu;*
4. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti jridu jipprovaw li l-fond de quo huwa tassew milqut minn kirja, li trid tkun kirja antika;*
5. *Illi, fil-mertu, u mingħajr preġduizzju għall-premess, l-investigazzjoni ġudizzjarja de quo għandha tikkomprendi biss il-perijodu 1992 u/jew 2016 sas-sena 2021 hekk kif jirriżulta mill-premessi li r-rikorrenti allegatament akkwistaw drittijiet fuq il-fond de quo;*
6. *Illi ma hux minnu li l-artikoli indikati fl-ewwel talba huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*
7. *Illi, dejjem b'referenza għall-ewwel talba, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw leżjoni f'isem il-ġenituri tagħhom – il-leżjoni ta' dritt tista' tappartjeni biss lil vittma li trid tkun parti mill-kawża. Hemm ġurisprudenza u duttrina kopjuża li tgħid li drittijiet fundamentali ma jintirtux;*
8. *Illi konsegwentement ma hemm ebda kumpens li għandu jitħallas favur ir-rikorrenti;*

9. *Illi, għal skop ta' kjarezza, anke jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha tiddeċiedi li r-rikorrenti jistħoqqilhom kumpens, dan għandu jsir entro l-parametri ta' meta saru sidien, u mhux qabel, u fil-kwoti rispettivi li jistgħu jappartjenu lir-rikorrenti, u ċertament ir-rikorrenti ma jistgħux jirreklamaw kumpens għal ħaddieħor li ma hux parti fil-kawża, irrispettivament jekk tassew wirtuhomx jew le;*
10. *Illi, fl-agħar ipotesi għall-esponenti, kwalunkwe imgħax jista' jiddekorri biss mid-data ta' Sentenza, u mhux mill-preżentata tal-kawża.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat li permezz tad-digriet tagħha tad-19 ta' April, 2023, ġie maħtur i**l-Perit Michael Lanfranco** bħala Perit Tekniku Ġudizzjarju, sabiex wara li jaċċedi fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri jistabbilixxi l-valur lokatizju tal-istess fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà mill-1 ta' Awwissu, 1987 sal-20 ta' Frar, 2021, b'intervalli ta' ħames snin kull wieħed.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Avukat tal-Istat.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Ir-rikorrenti huma proprjetarji, flimkien ma' oħrajn, tal-fond numru 5, 'Rosette', Flat 3, Triq San Pietru, il-Fgura [minn issa 'il-fond'], liema appartament huma wirtu f'ishma differenti mill-poter tal-ġenituri tagħhom. Il-fond in kwistjoni kien inxtara minn missier ir-rikorrenti matul iż-żwieġ tiegħu ma' ommhom, permezz ta' kuntratt tal-24 t'Awwissu, 1972, u dan il-fond ilu

mikri lill-konjugi Fava, li mhumiex parti f'dawn il-proċeduri, sa minn ftit wara l-akkwist tiegħu. Il-kera li kienet titħallas kienet ta' €41 kull sitt xhur, u dan l-ammont beda jiġi rivedut kull tliet snin wara l-emendi leġislattivi tal-2009, sabiex l-inkwilini bdew iħallsu l-inqas rata ta' kera stabbilita bil-liġi. Ir-rikorrenti qalu li sas-sena 2021, huma ma setgħux jitolbu kera ġusta għal dan il-fond, u li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta għar-relazzjoni lokatizja odjerna hija leżiva tal-jeddijiet proprjetarji tagħhom bħala sidien. Permezz tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti talbu li jiġi dikjarat li l-kirja odjerna kif regolata bl-applikazzjoni tal-liġijiet speċjali tal-kera inkluż tal-artikoli 3 sa 9 tal-Kap. 69 u l-artikoli 1531B, 1531 Ċ, 1531 F u 1531 G tal-Kap. 16 hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali kemm tal-ġenituri tagħhom kif ukoll tagħhom bħala sidien, u konsegwentement talbu lil din il-Qorti tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti minnhom.

4. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrenti jridu jġibu prova tal-interess tagħhom f'dawn il-proċeduri, u tal-*victim status* li jgħidu li għandhom. Żied jeċċepixxi li r-rikorrenti naqsu milli jużufruwixxu mir-rimedji ordinarji li tagħti l-liġi u li kienu fis-seħħ qabel l-emendi tal-2021, u għalhekk sostna li din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll li r-rikorrenti għandhom jindikaw b'mod preċiż liema liġijiet huma leżivi tal-jeddijiet tagħhom, kif ukoll dawn għandhom iġibu prova tal-kirja u li din hija waħda protetta. L-intimat Avukat tal-Istat qal li l-istħarriġ ta' din il-Qorti għandu jmur lura sas-sena 1992 meta ġie nieqes missier ir-rikorrenti u sal-2016 meta ġiet nieqsa ommhom, u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-istħarriġ dwar jekk hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti m'għandux imur lura għaż-żmien meta l-ġenituri tagħhom kienu għadhom ħajjin. B'żieda ma' dan, l-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-

rikorrenti ma jistgħux iressqu ilment dwar leżjonijiet sofferti mill-ġenituri tagħhom, u qal li l-ebda kumpens m'huwa dovut lilhom f'dan ir-rigward. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll li kwalsiasi kumpens li jista' jitħallas lir-rikorrenti għandu jitħallas lilhom b'effett minn meta huma saru sidien u mhux qabel, u finalment qal li kwalsiasi imgħaxijiet fuq il-kumpens pekunjarju mħallas għandu jitħallas b'effett mid-data tas-sentenza.

**Provi u riżultanzi**

5. Waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2023, xehed **Savio Borg**[1], rappreżentant tal-Uffiċċju Elettorali, li ppreżenta kopja tar-Reġistru Elettorali għall-perijodu bejn l-1987 sal-preżent, bl-ismijiet tal-persuni li kienu rreġistrati f'dan il-fond. Ix-xhud qal li fil-preżent hemm irreġistrati bħala residenti f'dan il-fond Francis Xavier Fava, Mary Fava u Purdey Fava.[2]

6. **Francis Xavier Fava** xehed waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2023[3], fejn qal li llum il-ġurnata huwa pensjonant, u spjega li qabel irtira huwa kien jaħdem bħala *shift leader* il-Freeport, u martu kienet taħdem bħala *machine operator,* imma llum il-ġurnata t-tnejn li huma pensjonanti. Ix-xhud qal li hu u martu ilhom jgħixu fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri mill-1979, u dak iż-żmien huwa kien ftiehem ma' Paul Darmanin, li jiġi missier ir-rikorrenti, rigward din il-kirja. Ix-xhud esebixxa kopja tal-ktieb tal-kera bl-ammonti tal-kera li tħallsu tul dawn is-snin.[4] Qal ukoll li għal xi żmien f'dan il-fond kienu jgħixu miegħu u ma' martu uliedhom Purdey u Justine. Ix-xhud qal li r-rikorrenti lilu qatt ma talbuh joħroġ mill-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u qal li l-kirja għoliet skont l-għoli tal-ħajja. Qal ukoll li huwa qatt ma kellu problemi mas-sidien minħabba din il-kirja,

[1] *A fol.* 26 tal-proċess.
[2] *A fol.* 29 *et seq.* tal-proċess.
[3] *A fol.* 105 tal-proċess.
[4] *A fol.* 115 *et seq.* tal-proċess.

madanakollu x-xhud ippreżenta għadd ta' ċedoli ta' depożitu tal-kera li huwa ddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti wara li r-rikorrenti rrifjutaw li jaċċettaw il-ħlas tal-kera mingħandu.[5]

7. Ir-rikorrenti ppreżentaw nota b'għadd ta' dokumenti bħala prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, fosthom kopja tal-kuntratt tal-akkwist oriġinali da parti ta' missierhom Paul Darmanin, fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tal-24 t'Awwissu, 1972[6]; kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Paul Darmanin li miet fl-14 ta' Novembru, 1972[7]; kopja tar-riċerki testamentarji ta' Paul Darmanin[8]; kopja tal-aħħar testment ta' Paul Darmanin fl-atti tan-Nutar Anthony Attard tas-17 ta' Frar, 1992[9]; kopja tad-denunzja tal-wirt ta' Paul Darmanin[10]; kopja taċ-ċedola ta' fidi ta' ċens li saret minn Antonia Darmanin[11]; kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Antonia Darmanin[12]; kopja tar-riċerki testamentarji ta' Antonia Darmanin[13]; kopja tal-aħħar testment ta' Antonia Darmanin fl-atti tan-Nutar Joseph Debono[14]; u kopja tal-att *causa mortis* tal-wirt ta' Antonia Darmanin fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi tat-23 ta' Frar, 2016.[15]

8. L-Perit Tekniku Ġudizzjarju Michael Lanfranco, ippreżenta r-rapport tiegħu fl-10 ta' Mejju, 2023[16], u ħalfu fit-22 ta' Mejju, 2023. Spjega li huwa għamel aċċess fil-fond fil-5 ta' Mejju, 2023, fejn seta' jikkonstata li dan il-fond huwa appartament residenzjali li jinsab fit-tieni sular tal-blokk esternament numerat 5, liema blokk għandu taraġ estern li jagħti għas-sulari kollha. Il-Perit

[5] *A fol.* 109 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 130 tal-proċess.
[7] *A fol.* 133 tal-proċess.
[8] *A fol.* 134 tal-proċess.
[9] *A fol.* 135 tal-proċess.
[10] *A fol.* 138 tal-proċess.
[11] *A fol.* 141 tal-proċess.
[12] *A fol.* 142 tal-proċess.
[13] *A fol.* 143 tal-proċess.
[14] *A fol.* 146 tal-proċess.
[15] *A fol.* 148 tal-proċess.
[16] *A fol.* 152 tal-proċess.

Tekniku Ġudizzjarju spjega t-tqassim tal-fond, u żied jgħid li dan għandu nofs diviż tal-bejt għall-inxif tal-ħwejjeġ u għas-servizzi, u qal li l-fond huwa strutturalment stabbli għalkemm il-finituri huma qodma. Qal li l-fond fih *footprint* ta' 93 metri kwadri, u jinsab f'żona residenzjali. Qal ukoll li l-fond mhux konformi mal-liġijiet sanitarji għaliex il-bitħa ta' wara fiha fond ta' anqas minn tliet metri, għalkemm żied jgħid li din l-irregolarità tista' tiġi ssanata. Qal li l-valutazzjoni tiegħu hija waħda li tikkonsidra l-appartament bħala residenza biss, u żied jispeċifika li l-fatt li l-fond igawdi biss minn nofs indiviż tal-bejt li jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-blokk, ifisser li din il-parti tal-arja ma tistax tiġi żviluppata waħedha. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju qal li huwa kkunsidra wkoll li r-rikorrenti huma sidien ta' 13/14 mill-fond, u in vista ta' dawn il-fatturi qal li fis-sena 2021, dan il-fond kellu l-valur ta' €180,000. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju ħejja skeda li turi l-valur lokatizju tal-fond għall-perijodu bejn l-1987 u l-2021. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju speċifika li l-valuri tal-kera stabbiliti minnu huma tal-fond kollu kemm hu u mhux ta' porzjon biss minnu, għaliex jirriżulta li l-fond inkera lill-konjugi Fava fl-intier tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

9. Il-Qorti, qabel tikkonsidra t-talbiet u l-eċċezzjonijiet fil-mertu, sejra tagħmel xi konstatazzjonijiet dwar l-ishma tar-rikorrenti mill-fond in kwistjoni, u dan għaliex mill-provi ma jirriżultax li r-rikorrenti jew l-intimat Avukat tal-Istat huma korretti fil-komputazzjoni li għamlu tas-sehem li jmiss lir-rikorrenti mill-fond. Jirriżulta li wara li ġie nieqes Paul Darmanin, dan ħalla lil martu użufruttwarja tal-beni kollha tiegħu, ħalla l-leġittima lil bintu Carmen, li hija waħda mir-rikorrenti, u ħalla lis-sitt uliedu l-oħra eredi f'ishma ugwali. Dan

ifisser li filwaqt li Carmen Camilleri wirtet sehem minn tmienja u għoxrin[17] u dan in linea ma' dak li jipprovdi l-artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili[18], għal dak li jirrigwarda s-sehem tal-missier, is-sitt ulied l-oħra, għandhom tlettax -il sehem minn tmienja u għoxrin (13/28), u rikorrenti Josephine Darmanin, Dorothy Fava, Marlene Agius u Catherine Said għalhekk għandhom bejniethom sehem ta' 52/168, filwaqt li r-rikorrenti Carmen Camilleri għandha sehem ta' 1/28, li komplessivament jagħmlu 29/84. Iż-żewġ eredi l-oħra Austin Darmanin u Rita Aquilina mhumiex rikorrenti fil-proċeduri odjerni.

10. Jirriżulta li omm ir-rikorrenti, Antonia Darmanin, iddiżereditat lil wieħed minn uliedha, Austin Darmanin, li mhuwiex wieħed mir-rikorrenti, filwaqt li ħalliet lis-sitt uliedha l-oħra eredi f'ishma ugwali. Dan ifisser li kull wieħed mis-sitt eredi ta' Antonia Darmanin messu s-sehem ta' 1/6 min-nofs tal-omm, jew sehem minn tnax (1/12). Huma ħamsa l-eredi ta' Antonia Darmanin li huma rikorrenti f'dawn il-proċeduri, u għalhekk ir-rikorrenti għandhom bejniethom sehem ta' ħamsa minn tnax (5/12) mill-wirt ta' ommhom. Dan ifisser li r-rikorrenti komplessivament għandhom bejniethom 52/168 + 5/12 + 1/28 tal-ishma f'dan il-fond, jew aħjar meta magħduda flimkien dawn l-ishma, 16/21. Huwa dan is-sehem komplessiv li għandhom ir-rikorrenti mill-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u dan meta wieħed jikkonsidra li mhux l-aħwa kollha għażlu li jipparteċipaw f'din il-kawża.

## Konsiderazzjonijiet legali

11. Stabbilit b'mod preċiż l-interess ta' kull wieħed mir-rikorrenti fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-lanjanzi

[17] 1/2 x 1/14.

[18] 'Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha ... għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed'.

mressqa mir-rikorrenti. L-intimat Avukat tal-Istat jibda billi jgħid li fl-ewwel lok ir-rikorrenti jridu jġibu prova tal-interess tagħhom f'dawn il-proċeduri, kif ukoll prova li huma għandhom *victim status.* Il-Qorti hija tal-fehma li ġie ppruvat b'mod ampju li r-rikorrenti huma uħud mill-eredi ta' Paul u Antonia Darmanin, li kienu akkwistaw il-fond matul iż-żwieġ tagħhom, u li krewh b'titolu ta' kirja protetta ftit tax-xhur wara lill-konjugi Fava. Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat mhijiex sejra tiġi milqugħha.

12. L-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi wkoll li r-rikorrenti naqsu milli jagħmlu użu mir-rimedji ordinarji disponibbli għalihom qabel daħlu fis-seħħ l-emendi leġislattivi tal-2021, u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali, ossija konvenzjonali tagħha. Mill-atti jirriżulta li kienu saru proċeduri separati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u permezz ta' dawn il-proċeduri l-kera li qiegħda titħallas mill-inkwilini żdiedet sostanzjalment. Ir-rikorrenti istitwew il-proċeduri odjerni għaliex fil-fehma tagħhom kien hemm leżjoni tal-jedd fundamentali protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fil-liġi ta' Malta fl-1987, u li huma għandhom dritt għal kumpens għad-danni sofferti minnhom tul dawn is-snin. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li kwalsiasi rimedju li seta' jingħata mill-Bord li Jirregola l-Kera ma jistax jindirizza l-lanjanza dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fejn fir-rikors promotur qegħdin jilmentaw dwar il-fatt li għal numru twil ta' snin il-kera riċevuta kienet waħda irriżorja, u għall-fatt li huma ma setgħu jagħmlu xejn biex jgħollu l-kera jew biex jirriprendu pussess tal-fond. Il-Qorti tirrileva li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], li jagħti lil din il-Qorti ġurisdizzjoni oriġinali biex tisma' ilmenti dwar allegati ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti permezz ta' dak l-Att, huma ċari u ma jagħtu ebda ġurisdizzjoni residwa jew

xort'oħra lil xi qorti oħra jew tribunal ieħor sabiex jiġu ttrattati ilmenti dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda wkoll.

13. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll li r-rikorrenti kellhom jispeċifikaw liema mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 u tal-Kodiċi Ċivili fil-fehma tagħhom huma leżivi tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. Fil-fatt ir-rikorrenti jitolbu lil din il-Qorti tillimita l-istħarriġ tagħha għal dak li jgħidu l-artikoli 3 sa 9 tal-Kap. 69, u l-artikoli 1531B, 1531Ċ, 1531F u 1531G tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk mhux il-każ li r-rikorrenti naqsu milli jispeċifikaw liema huma d-dispożizzjonijiet tal-liġi li fil-fehma tagħhom jilledu l-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti bil-Konvenzjoni Ewropea. L-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, qal li qabel l-emendi leġislattivi tal-2021, is-sidien kellhom id-dritt li jitolbu li l-kera tiġi riveduta, jew li l-Bord jirrevedi l-kundizzjonijiet tal-kirja. Li ma jgħidx l-intimat Avukat tal-Istat huwa li bħala regola s-sidien ma setgħux jirrifjutaw li jġeddu l-kirja, u lanqas ma kienu liberi li jgħollu l-kera jew li jvarjaw il-kundizzjonijiet tal-kirja jekk mhux bil-permess tal-Bord, u dan il-permess kien jingħata biss f'każ li jiġu sodisfatti għadd ta' kundizzjonijiet. Mhux ġust li tingħata l-impressjoni li bil-liġi kif kienet qabel l-emendi leġislattivi tal-2021, is-sidien kienu fil-libertà li jgħollu l-kera għal rata li tkun tirrispekkja l-valuri lokatizji fis-suq miftuħ tal-proprjetà, jew li tingħata l-impressjoni li dawn setgħu jieħdu lura pussess ta' ħwejjiġhom x'ħin iridu, għaliex dan mhux il-każ. Fil-fatt jirriżulta li għal bosta snin ir-rikorrenti kienu kostretti li jibqgħu jirċievu ammont ta' kera regolat bil-liġi, u li bl-ebda mod ma kien jirrispekkja l-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà kif ikkonstata l-Perit Tekniku Ġudizzjarju. Jirriżulta wkoll li minkejja l-emendi leġislattivi promulgati bl-Att X tal-2009, l-ammont ta' kera ogħla li bdew

jipperċepixxu s-sidien, xorta waħda baqa' wieħed li ma jirriflettix il-valuri tal-fond fis-suq tal-proprjetà. Il-liġi timponi wkoll għadd ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti qabel is-sidien jistgħu jitolbu r-ripreża tal-fond tagħhom, fosthom li jridu jġibu prova għas-sodisfazzjon tal-Bord li l-inkwilin għandu proprjetà oħra li jista' juża għall-abitazzjoni tiegħu. Din il-kundizzjoni tibqa' mhix sodisfatta f'ħafna mill-każijiet ta' din ix-xorta.

14. Tqis li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni Ewropea] jipprovdi kif ġej:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.
>
> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

15. Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea, il-kontroll fuq il-kera u r-restrizzjonijiet fuq it-tmiem ta' kuntratt ta' kiri, jikkostitwixxu kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tal-individwu a tenur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Iżda sabiex l-indħil tal-Istat jista' jitqies li jimmerita eżenzjoni minn din ir-regola ġenerali, hemm bżonn li l-indħil ikun seħħ bis-saħħa ta' liġi, l-iskop tiegħu jkun wieħed leġittimu, u li jilħaq bilanċ bejn l-għan soċjali tal-komunità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.[19]

[19] Ara Bradshaw and Others v. Malta, App. Nru. 37121/15, 23.10.2018.

16. Il-Qorti tibda billi tgħid li m'hemm l-ebda dubbju li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 kif emendati minn żmien għal żmien, saru taħt qafas legali. Mhuwiex ikkontestat li fiż-żmien li ttieħdet il-miżura permezz tal-promulgazzjoni ta' diversi liġijiet intiżi għall-kontroll tal-użu tal-proprjetà, l-għan kien wieħed leġittimu, partikolarment fis-snin li fihom ġie ppromulgat il-Kap. 69 minħabba l-bżonn kbir li kull min ma kellux saqaf fuq rasu fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija jiġi mgħejun mill-Istat biex ikun jista' jagħmel dan. Il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali hija primarjament id-dmir tal-Istat, li kif sewwa jirrileva l-intimat Avukat tal-Istat, hawnhekk għandu diskrezzjoni wiesgħa ferm sabiex jassigura li l-interess pubbliku jintlaħaq anki fis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali. Madankollu din id-diskrezzjoni tal-Istat għandha l-limiti tagħha ċirkoskritti permezz tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin. Hawnhekk il-Qorti għalhekk tirrileva li kuntrarjament għal dak li jagħti x'jifhem l-intimat Avukat tal-Istat, għalkemm huwa f'pożizzjoni li jagħraf il-bżonnijiet tas-soċjetà, l-Istat m'għandu l-ebda dritt assolut li jfixkel liċ-ċittadin fit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu.

17. Fis-sentenza fl-ismijiet **James and Others v. UK**[20], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [hawnhekk 'il-Qorti Ewropea'] spjegat il-kunċett ta' interess pubbliku b'dan il-mod:

> *"a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, "depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest … The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*[21]

---

[20] App. 8793/79, deċiża fil-21.02.1986.

[21] Ara wkoll Q.Kost. 55/2009, **Victor Gatt et *vs.* Avukat Generali et**, 05.07.2011, u Q.Kost. 467/1994, **Cutajar noe *vs.* Il-Kummissarju tal-Art et**, 30.11.2001.

18. Din is-silta tispjega dak l-eżerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti fl-investigazzjoni tagħha tal-allegat ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' tgawdija tal-proprjetà:

> *"56. In each case involving an alleged violation of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must ascertain whether by reason of the State's interference, the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see* Amato Gauci, *cited above, §57). In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the conditions of the rent received by individual landlords and the extent of the State's interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market, but also the existence of procedural and other safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. Uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the State's conduct (see* Immobiliare Saffi v. Italy, *[GC], no. 22774/93, §54, ECHR 1999-V, and* Broniowski, *cited above, §151)."*[22]

19. Il-Qorti tagħraf li b'hekk twieled il-principju tal-proporzjonalità. Tgħid li tenut kont tal-valur lokatizju annwali tal-fond ta' €521 mogħti mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju fir-rapport tiegħu għas-sena 1987 meta daħal fis-seħħ il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, sas-sena 2021, fejn il-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tela' għal €5,500, meta daħlu fis-seħħ l-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XXVI tal-2021, u meħuda in konsiderazzjoni wkoll (a) il-kera annwali baxxa perċepita mir-rikorrenti; u (b) li ma tressqet l-ebda prova jew sottomissjoni min-naħa tal-intimat Avukat tal-Istat sabiex jiġġustifika għalfejn il-każ odjern kien jimmerita l-indħil tal-Istat fi sfond fejn il-qagħda finanzjarja u ekonomika tal-pajjiż tjiebet bil-bosta miż-żmien li fih saru l-liġijiet in kwistjoni, il-Qorti tqis li jirriżulta bl-aktar mod evidenti li ma kien hemm l-ebda bilanċ bejn l-interess

[22] Bradshaw and Others v. Malta *supra.* Ara wkoll App. 1046/12, Zammit and Attard Cassar v. Malta, 30.07.2015.

pubbliku u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dan filwaqt li tqis ukoll li r-rikorrenti kienu qegħdin fi stat ta' inċertezza dwar meta u jekk qatt ikunu jistgħu jieħdu lura pussess tal-fond. Fis-sentenza fl-ismijiet **Cassar v. Malta**[23], il-Qorti Ewropea kkonkludiet li *"it is clear that these circumstances inevitably left the applicants in uncertainty as to whether they would ever be able to recover their property".* Il-Qorti għalhekk tagħraf li d-drittijiet tar-rikorrenti ġew limitati sew permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif irrilevat din il-Qorti hawn fuq, ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni fil-każ odjern għall-indħil tal-Istat li wassal għat-trażżin ta' dawn id-drittijiet. Saħansitra tasal biex tgħid li ma tista' tikkonstata l-ebda għan leġittimu għal tali ndħil fil-każ odjern. Il-Qorti għalhekk qiegħda tagħraf sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti ġew kostretti li jġorru piż eċċessiv u sproporzjonat, sabiex b'hekk a tenur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom.

20. F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li jkun xieraq li jsir riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Ghigo *v.* Malta**[24]:

> *"67. As the Court has already stated on many occasions, in spheres such as housing of the population, States necessarily enjoy a wide margin of appreciation not only in regard to the existence of the problem of general concern warranting measures for control of individual property but also to the choice of the measures and their implementation. The State control over levels of rent is one such measure and its application may often cause significant reductions in the amount of rent chargeable (see, in particular, Mellacher and Others, cited above, §45).*
>
> *68. Moreover, in situations where the operation of the rent-control legislation involves wide-reaching consequences for numerous individuals and has economic and social consequences for the country as a whole, the authorities must have considerable discretion not only in choosing the form and deciding on the extent of control over the use of property but also in deciding on the appropriate timing for the*

[23] App. 50570/13, 30.01.2018.
[24] 26.09.2006.

*enforcement of the relevant laws. Nevertheless, that discretion, however considerable, is not unlimited and its exercise cannot entail consequences at variance with the Convention standards (see,* mutatis mutandis*, Hutten-Czapska, cited above, §223).*

*69. In the present case, having regard to the extremely low amount of the rental value fixed by the Land Valuation Officer, to the fact that the applicant's premises have been requisitioned for more than twenty-two years, as well as to the abovementioned restrictions of the landlord's rights, the Court finds that a disproportionate and excessive burden has been imposed on the applicant. The latter had been requested to bear most of the social and financial costs of supplying housing accomodation to Mr G and his family (see,* mutatis mutandis*, Hutten-Czapska, cited above, §225). It follows that the Maltese State has failed to strike the requisite fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant's right of property."*

21. Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, ġew leżi l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa għalhekk li l-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti.

22. Fis-sentenza fl-ismijiet **Cassar Torregiani *vs.* Avukat Ġenerali et**[25], il-Qorti Kostituzzjonali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet, dwar in-natura tad-danni li għandhom jiġu likwidati f'kawżi ta' din ix-xorta:

*"Għalkemm huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali ma jekwiparax neċessarjament ma' likwidazzjoni ta' danni ċivili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali għandhom jiġu injorati għall-finijiet tal-eżerċizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ odjern sabiex tasal għad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma: (i) it-tul ta' żmien li ilha sseħħ il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul ta' żmien li r-rikorrenti damu sabiex ressqu l-proċeduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom; (ii) il-grad ta' sproporzjon relatat mal-introjtu li qed jiġi perċepit ma' dak li jista' jiġi perċepit fis-suq ħieles, konsidrat ukoll l-għan soċjali tal-miżura; (iii) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti ....".*

[25] 29.04.2016.

23. F'sentenza oħra fl-ismijiet **Herbert Brincat et *vs.* Avukat Ġenerali et**[26], mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, inkiteb illi:

*"... il-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li jkun instab li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ċivili mġarrba. Huwa minnu li Qorti Kostituzzjonali tista' tagħti bħala rimedju kemm danni pekunjarji kif ukoll danni non-pekunjarji, iżda din il-Qorti tissenjala li l-kumpens pekunjarju li jingħata fi proċeduri bħal dawn ma għandux ikun ekwivalenti għal danni ċivili ai termini tal-Artikolu 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Id-danni pretiżi huma marbuta mat-talba għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali u mal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi."*

24. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Estella sive Estelle Azzopardi et *vs.* Avukat Ġenerali et**[26], il-Qorti Kostituzzjonali rritjeniet illi,

*"... ir-rimedju li tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunitajiet mitlufa."*

25. Għalhekk il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni (a) l-ammont ta' kera li l-konjuġi Fava kienu tenuti jħallsu li kieku l-fond kien mikri skont il-kirjiet riżultanti fis-suq miftuħ bejn l-1 ta' Mejju, 1987 u l-1 ta' Ġunju, 2021, huwa ferm akbar minn dak attwalment ippercepit mis-sidien fis-somma ta' ċirka €2,575.00[27], fejn id-dħul tal-imsemmija sidien kellu saħansitra jkun ta' madwar €57,644.70[28]; u (b) il-valur tiegħu kif sostanzjalment imnaqqas minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tiegħu. Tgħid li dawn il-fatturi kollha jikkontribwixxu għall-iżbilanċ evidenti bejn l-interessi privati tas-sidien tal-fond inklużi dawk tar-rikorrenti, u l-għan pubbliku li għalih ġew introdotti ċertu liġijiet, u għaldaqstant

[26] 27.06.2019.
[26] 30.09.2016.
[27] (€82x12) + (€185 x 3) + (€197 x 3) + (€205 x 3) + (€211.56 x 3) = €3,379.68, li minnhom ir-rikorrenti għandhom sehem ta' 16/21, jiġifieri l-ammont ta' €2,575.00.
[28](€521 x 5) + (€856 x 5) + (€1,530 x 5) + (€1,972 x 5)+ (€3,207 x 5) + (€3,021 x 5) + (€4,458 x4) + €5500 /12 x5) = + €5,425 (kera ta' ħames xhur bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju, 20210. Minn dan l-ammont li seta' jiġi realizzat, ir-rikorrenti kellhom is-sehem ta' 16/21 = €57,644.70.

tikkonsidra li jirriżulta ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li għalih għandu jitħallas kumpens mill-intimat Avukat tal-Istat.

26. Kif diġà kellha l-opportunità li tteni din il-Qorti, id-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna, tenut kont tal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi. Għar-rigward tal-*quantum* tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu.

27. Fil-każ odjern, għajr għall-fatt li kien hemm telf sostanzjali fil-kera li setgħet ġiet ipperċepita, ma jirriżultawx danni pekunjarji oħra li jistgħu jiġu faċilment komputati. Imbagħad il-Qorti tqis li għandhom jiġu likwidati wkoll id-danni morali jew non-pekunjarji, stante li l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti hija konsegwenza tal-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jindirizza din il-kwistjoni kif kellu jagħmel, u jemenda l-qafas legali li jirregola kirjiet protetti, u dan minkejja titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordinat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn.

28. Il-Qorti tqis li kumpens pekunjarju fl-ammont ta' tmintax-il elf tliet mija u tlieta u sittin Euro (€18,363)[29], u kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' sebat elef sebgħa mija u wieħed u sebgħin Euro (€7,771)[30] għandhom ikunu kumpens ġust u xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, liema kumpens għandu jitħallas lir-rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat.

[29] €57,645.00 - €2,575.00 = €55,090/3 = €18,363.
[30] 16/21 x 34 x 300.

29. Fl-aħħarnett il-Qorti tirrileva li l-komputazzjoni tad-danni sofferti f'każijiet bħal dawn għandha tinkludi ukoll iż-żmien meta il-fond in kwistjoni kien fil-pussess tal-antekawża tas-sidien attwali, u dan in linea mas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet **Radmilli *v.* Malta (28711/19)**, fejn ġie spjegat illi:

> *"There is therefore no reason to exclude the years during which the applicant only part-owned the property, or those where it was held by the applicant's ascendant – bearing in mind, however that the disproportionality must not have arisen immediately."*

Għaldaqstant l-eċċezzjoni mqajjma mill-intimat Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward għandha wkoll tiġi miċħuda.

__Decide__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mqajjma mill-intimat Avukat tal-Istat, għajr għall-eċċezzjoni li ngħatat fir-rigward tad-data minn meta għandu japplika l-imgħax fuq l-ammont ta' kumpens likwidat;**
2) **Tirrileva li l-artikoli 1531F u 1531G tal-Kodiċi Ċivili ġew imħassra bil-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-2021, u għalhekk m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward;**
3) **Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-kirja tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri bl-applikazzjoni tal-liġijiet speċjali tal-kera, inkluż l-artikoli 3 sa 9 tal-Kap. 69 u sussegwentement tal-artikoli 1531B u 1531Ċ tal-Kap. 16, tilledi l-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;**

**4) Tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sitta u għoxrin elf mija u erba' u tletin Euro (€26,134.00), li għandhom jitħallsu lis-soċjetà rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**